Għaqda Persuni Neqsin mis-Smigħ (Malta)
Deaf People Association (Malta)
45, Lascaris Wharf, Valletta, VLT01, Malta
Fax.:- (+356) 21245823
Email:- info@deafmalta.com
Website:- www.deafmalta.com

# Harga ta' Jannar 2008.

## A. Hidma tal-Kumitat ghas-Sena 2008.

Bdiet sena gdida u l-Ghaqda tal-Persuni Neqsin mis-Smigh bi hsibha taghmel miri godda. Dawn il-miri huma:

- Arrangmenti biex Persuni Deaf ifittxu jew ibiddlu ix- xoghol bl-inqas problemi;
- Arrangmenti biex il-Haddiema Deaf ma jkunux diskriminati waqt ix-xoghol taghhom;
- Arrangmenti fil-qasam tas-Sahha fl-Isptar il-gdid Mader Dei;
- Arrangmenti fil-Media jew TV ghall-uzu ta` SubTitles.

L-Ghaqda avolja sabet dawn il-miri difficli xorta bdiet tahdem fuqhom sabiex itejbu il-kwalita ta` hajja tal-Persuni Deaf. L-Ghaqda taf li l-qofol ta` dawn l-oqsma hi l-Komunikazzjoni: fix-xoghol, fis-sahha u l-media, l-Ghaqda xorta taghmel mill-ahjar li tista' biex il-Persuni Deaf ihossu ruhhom Indaqs bhal-persuni normali fl-oqsma kollha.

## B. Laqgha Generali Annwali 200

Il-Laqgha Generali Annwali ser issir il-Gimgha 7 ta` Marzu 2007 fis-7.30pm gewwa d-Deaf Club. Ghalhekk min irid iressaq mozzjoni, li jrid konferma mill-membri tal Ghaqda waqt din il-laqgha, jista jikteb fil-Formola isfel sa mhux aktar tard minn l-Erbgha 20 ta` Frar 2008.
Wara din il-laqgha ser ikun hemm bibita zghira. L-Ghaqda theggeg lill-membri taghha biex jattendu ghal din il-laqgha importanti u biex jkun hemm rispett lejn xulxin waqt il-Laqgha.

## C. Servizzi ta` Interpreti.

L-Ghaqda, permess tal-Interpreti: is-sinj. Graziella Debono, is-sinj. Sharon Grech w s-sinj. Rita Vella, toffri s-servizzi fl-access tal-komunikzzjoni tal-Persuni Neqsin mis-Smigh. Ghalhekk min irid jibbukkja ghas-servizz tal-interperti, dan ghandu jibghat email bl-email address: sign.interpreting@gmail.com jew inkella jibghat sms fuq numru: **99381234.**

## D. Attivita Internazzjonali.

Fil-Bidu ta` Novembru, l-Ghaqda giet irraprezentata waqt Laqgha Deaf Sports ghan-Nisa biss minn Nicolette Aquilina u Emma Ripard. Minn din il-laqgha Emma Ripard kellha ezperjenza tajba u tghallmet affarijiet godda kif isiru fil-hidma tan-Nisa fil-qasam Sportiv ghan-Neqsin mis-Smigh. Fl-istess hin huma jinsabu determinati biex isahhu il-grupp gdid ta Deaf Woman Group b`attivitaijiet Sportivi ukoll.

## D. ATTIVITAJIET SOCJALI u LOKALI

- **Deaf Women Group**

L-ghaqda gdida ta`Deaf Women Group ser torganizza l-attivita tal-Bowling. Dawk interessati, javzaw lis-Sinjorini Nicolette Aquilina u Emma Ripard. In-Nisa u shabhom huma mistiedna jippartecipaw.

**Gurnata** **L-Erbgha 27 ta` Frar 2008**
**Hin** **7.00pm**
**Post** **Eden Bowling Paceville.**

Id-Deaf Women Group ser jorganizza Ikla ghan-nisa Deaf u shabhom biss. Din ser issir hekk :

**Gurnata :** **Il-Gimgha 28 ta` Marzu**
**Hin :** **8.00pm**

Min jixtieq jattendi pls javza lil Nicolette Aquilina fuq 79316921 sat-Tlieta 25 ta` Marzu..

- **Afternoon Tea id-Deafclub .**

L-ghaqda ser tiftah il-Hadd wara nofsinhar bhala 'Get-Together'.

**Gurnata:** **Il-Hadd 24 ta` Frar 2008**
**Hin:** **3.00 p.m**
**Post:** **Id-Deaf Club**

- **Pizza u Wine Party id-Deafclub.**

L-ghaqda ser torganizza Pizza u Wine Party id-Deafclub. Dawk interessati, javzaw lis-Sinjuri Melanie Abela u Patrick Micallef .

**Gurnata** **Is-Sibt 23 ta' Frar**
**Hin** **7.00pm**
**Post** **id-Deafclub**
**Hlas** **6.00 €uros**

Min jixtieq jattendi jimla l-**formola D** li hawn ma' din ic-cirkulari.

- **Party tal-Ghid ghat-Tfal u hbieb.**

L-ghaqda ser torganizza Party tal-Ghid tat-tfal id-Deafclub. Dawk interessati, javzaw lis-Sinjuri Melanie Abela u Patrick Micallef. Ser jaghmlu xi loghob, dvd cartoons, u fl-ahhar jinghataw xi bajda sorpreza b`xejn.

**Gurnata** **Il-Gimgha 21 ta' Marzu**
**Hin** **6.00pm**
**Post** **id-Deafclub**
**Hlas** **5.00 €uros**

**F. Infakkrukom**

- **Deaf Club u Bar**

Il- Bar, permezz ta` Natalino Psaila, jiftah kull nhar ta' Gimgha mit-8.00p.m. sal-11.00 pm u l-ewwel Hadd tax-xahar fil-ghodu.

- **Quddiesa**

Wara tmiem is-Sajf l-Ghaqda qed terga' torganizza quddiesa interpretata bil-Lingwa tas-Sinjali hekk:

Post: **Kappella ta' l-Universita, Tal-Qroqq**
Gurnata: **Kull nhar ta' Sibt fis-7.30p.m.**

- **Batteriji tal-Hearing Aids u Alarm Clocks.**

Il-membri jistghu jixtru bi prezz irhis il-batteriji tal-hearing aids mid-Deaf Club meta dan ikun miftuh. Il-prezzejiet huma hekk:

| MINN JANNAR 2008 | MEMBRI | MHUX MEMBRI |
|---|---|---|
| Kull pakkett tal-Batteriji | 3.00 Euros | 3.50 Euros |
| Kull Alarm-clock | 35 Euros | 37 Euros |

- **Ahbarijiet bil-Lingwa tas-Sinjali**

Il-PBS qed ixandar l-ahbarijiet bil-Lingwa tas-Sinjali Maltija kuljum mit-Tnejn sal-Hadd fis-sitta nieqes hames minuti (5.55pm), ezatt qabel l-ahbarijiet tas-6.00pm.

- **Servizz ta' Social Work**

Min ghandu bzonn tas-servizz tas-Social Workers tal-Agenzija SAPPORT jista' jikkunttattjahom bil-mobile 79442121.

- **Lezzjonijiet tal-Lingwa tas-Sinjali**

Id-Divizjoni ta' l-Edukazzjoni qed jorganizza lezzjonijiet ta' fil-ghaxija tal-Lingwa tas-Sinjali Maltija. Min jixtieq aktar taghrif dwarhom jikkuntattja d-Divizjoni, Taqsima Lezzjonijiet ta' fil-ghaxija. Korsijiet simili jinghataw ukoll lill-studenti tal-MCAST u tal-Universita. Aktar taghrif dwar dan jista' jinkiseb mill-Istitut tal-Lingwistika tal-Universista jew mill-Institute for Community Services Student Services tal-MCAST.

- **Il-Mizata ghas-sena 2008**

Infakkru lill-membri kollha biex ihallsu l-mizata ta` 7 Euros **ghas-sena 2008**. Huma ghandhom jindirizzaw l-ittra lis-sur Kris Florian, Deaf Club, 45 Lascaris Wharf, Valletta, VLT 1921.

*Melanie Abela*
*Segretarja.*

**Formola A**

**MOZZJONI ghal-Laqgha Generali Annwali 7 ta` Marzu 2008.**

*Sa nhar l-Erbgha 20 ta` Frar 2008.*

Jien __________________________ xtaqt inressaq mozzjoni beix tigi diskuzza waqt il-laqgha Generali.

_____________________________________________________________________________________

_____________________________________________________________________________________

_____________________________________________________________________________________

_____________________________________________________________________________________

Firma:_________________________.

Xhud mil-Membri tal-Kumitat: ____________________________.